MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1378/2003

**Moira Gauci Maistre maghrufa bhala Chetcuti**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta' Dicembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fl-Att taz-Zwieg ta' l-attrici numru 1906/1998 (Dok. "A"), hemm indikazzjoni li hi kienet ghazlet li tibdel kunjomha ta' xebba "Gauci Maistre" ma' dak ta' zewgha Christopher Chetcuti meta effettivament u fil-verita' dakinhar taz-zwieg kienet ghazlet espressament li zzomm kunjom xbubitha u cjoe' l-kunjom "Gauci Maistre".

Illi fl-Att tat-Twelid ta' iben l-attrici Karl Chetcuti numru 4007/2003 (Dok. "B"), kunjom l-istess attrici huwa konsegwentement erroneament indikat bhala "Chetcuti" minflok "Gauci Maistre".

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna li tigi nserita dikjarazzjoni fl-Att ta-Zwieg numru 1906/1998 li l-attrici ghazlet li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg;

2. Konsegwentement tordna s-sostituzzjoni tal-kunjom "Chetcuti" bil-kunjom "Gauci Maistre" fl-Att tat-Twelid numru 4007/2003, liema sostituzzjoni u korrezzjoni ghandha tapplika ghall-atti kollha tal-persuna fuq imsemmija u kif ukoll dawk tad-dixxendenti taghha.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fit-23 ta' Marzu 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-21 t'April 2004 a fol. 15 fejn gie eccepit:-

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

**2.** Illi ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att taz-Zwieg u fl-Att tat-Twelid ta' iben l-attrici mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 29 t'April 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha u ta' Christopher Chetcuti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2004 fejn il-kawza giet posposta ghas-sentenza ghall-lum stess.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici huma ppruvati tanti li mix-xhieda taghha u ta' Christopher Chetcuti jirrizulta li l-attrici riedet izzomm kunjom xbubitha Gauci Maistre minghajr ebda referenza ghall-kunjom Chetcuti. Illi in konsegwenza ta' dan hija li l-Att taz-Zwieg ta' l-attrici ghandu jigi hekk korrett, u wkoll li fl-att tat-Twelid ta' binha Karl li jgib in-numru 407/2003 kunjomha ghandu hekk jigi ndikat minflok kif attwalment imnizzel bhala Chetcuti, ovvjament bhala omm l-istess minuri.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess huma

nkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tordna li tigi nserita dikjarazzjoni fl-Att ta-Zwieg numru 1906/1998 li l-attrici ghazlet li zzomm kunjom xbubitha maz-zwieg, u cjoe' "Gauci Maistre".

2. Konsegwentement tordna s-sostituzzjoni tal-kunjom "Chetcuti" bil-kunjom "Gauci Maistre" fl-Att tat-Twelid numru 4007/2003 ghal dak li jirrigwarda l-attrici bhala omm il-minuri, liema sostituzzjoni u korrezzjoni ghandha tapplika ghall-atti kollha tal-persuna fuq imsemmija u kif ukoll dawk tad-dixxendenti taghha.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat, u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 16.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez fic-cirkostanzi dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------